**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum, 9 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 82/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Albert Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Albert Galea talli (**1**) fl-1 ta' Lulju 1997 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu "CB Radio" tal-marka "Kenwood", mudell TH-22E, u "wall charger" ukoll tal-marka "Kenwood", mudell BC-17 li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, valur totali ta' mija w hamsin lira (Lm150.00,0) u dazju ta' tnax-il lira u hmistax-il centezmu (Lm12.15,0); (**2**) dawn l-oggetti huma soggetti wkoll ghat-taxxa tas-sisa fuq l-importazzjoni (ETI[1]), liema ETI/dazju ma gewx imhallsa u/jew kawtelati, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kap. 37 kif ukoll bi ksur ta' l-Att XII ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta-18 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Albert Galea hati skond iz-zewg imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' tlett mija u tnax-il lira u hmistax-il centezmu (Lm312.15) u ordnat il-konfiska ta' l-apparat meritu tal-kawza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Albert Galea, minnu ppresentat fis-26 ta' April, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu aggravji kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt. Ghal dak li jirrigwarda punti ta' dritt, l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet diversi enuncjazzjonijiet zbaljati ta' dritt in tema ta' preskrizzjoni. Din il-Qorti, pero`, ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod

[1] "Excise Tax on Imports".

tezamina kull kelma u kull frazi li uzat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha. Il-qofol ta' l-ilment ta' l-appellant – ilment rifless anke fl-aggravji dwar punti ta' fatt – hu li l-ewwel qorti messha laqghet l-eccezzjoni tieghu li l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni kienet preskritta. In fatti, jekk wiehed jara l-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 1999 isib li ga f'dik l-ewwel udjenza l-appellant, allura imputat, kien eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 76 ta' l-Ordinanza tad-Dwana. Il-kwistjoni hi, ghalhekk, jekk l-ewwel qorti kienitx korretta meta rrespingiet dina l-eccezzjoni.

L-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat ta' zamma jew pussess xjenti ta' oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata jew li ma hallsux dazju. Dana r-reat jaqa' taht il-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza msemmija. Skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 76 ta' din l-Ordinanza (qabel ma dan il-paragrafu inbidel bl-Att XII ta' l-2001), il-procediment kellu jinbeda fi zmien hames snin mid-data ta' l-importazzjoni ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni. Skond l-istqarrija ta' l-appellant, maghmula fit-2 ta' Lulju, 1997 (Dok. NC), is-"CB Radio" u l-"wall charger" kien dahhalhom Malta huwa stess sena qabel, jigifieri fl-1996. L-istess jghid fir-rikors tieghu ta' appell ghal dak li jirrigwarda d-data ta' l-importazzjoni. Il-proceduri kontra tieghu quddiem il-Qorti Inferjuri nbdew f'April ta' l-1999, u ghalhekk entro l-hames snin mid-data ta' l-importazzjoni. Konsegwentement kienet korretta l-ewwel qorti meta rrespingiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fid-19 ta' Mejju, 1999.

Aggravju iehor ta' l-appellant (u proprjament l-uniku aggravju iehor) hu li f'dan il-kaz ma kienx applikabbli l-Att XII ta' l-1997, li ghalih tirreferi t-tieni imputazzjoni. L-appellant hawnhekk ghandu ragun. L-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa gie fis-sehh fl-10 ta' Gunju, 1997 u, fir-rigward ta' importazzjonijiet taxxabbli (Art. 69), kjarament japplika biss ghal importazzjonijiet li sehhew wara l-bidu fis-sehh tieghu. Kif inghad, il-prova hi li l-importazzjoni taz-zewg oggetti in kwistjoni – ir-radju u l-"wall charger" – sehhet fl-1996 u ghalhekk dana l-Att ma hux applikabbli. Jinghad ghall-precizjoni li fl-ittra tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa tas-26 ta' Marzu, 1999 (Dok. JBG, fol. 23) lill-Kummissarju tal-Pulizija hemm referenza anke ghall-Att XII ta' l-1994 u ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond dak l-Att, pero` t-tieni imputazzjoni ma taghmel ebda referenza ghall-VAT izda biss ghat-taxxa tas-sisa (u ghalhekk ghall-Att XII ta' l-1997). Konsegwentement l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena din il-Qorti tosserva li l-multa inflitta mill-ewwel qorti hija skond l-Artikolu 62 tal-Kap. 37, u ghalhekk ma hemmx lok ta' varjazzjoni.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, u konsegwentement tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u cioe` ghar-

rigward tas-sejbien ta' htija skond l-ewwel imputazzjoni, ghar-rigward tal-multa inflitta kif ukoll ghar-rigward tal-konfiska ta' l-oggetti.

Assistent Registratur